*Ref*: 34/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34

*It-Tlieta 29 ta' Marzu 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar it-tlieta 29 ta' Marzu 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| **Assenti b'apoloġija** | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| (Skont Ordni Permanenti | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| 14A (3): | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, li l-Kunsilliera Axisa, Bartolo u Camilleri talbu li jkun skużati minħabba raġunijiet personali, impenn ta' xogħol u impenn personali rispettivament. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 33 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand REFAB Malta sabiex ikun iffirmat il-ftehim li permezz tiegħu tpoġġew fil-lokalita bins għal ħwejjeġ użati sabiex jiġu riċiklati. Il-membri approvaw l-iffirmar tal-ftehim u s-Sindku innota li għandu isir sforz sabiex fi żmien ta' bidla ta' staġuni isir it-tbattil aktar spiss.

3.2. Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali marbuta mal-skema tar-restawr. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni bħal ma kien sar is-sena l-oħra għar-restawr tal-istess niċeċ.

3.3. Korrispondenza mingħand resident bi proposta sabiex Triq il-Belt Valletta, l-aħħar parti, tkun *one way* direzzjoni il-fuq. Il-membri iddiskutew il-proposta fl-isfond ukoll tal-bżonn ta' *one way* fi Triq Britannja. Is-Sindku qal li kien qed jaħdem mal-Perit sabiex isir studju ta' traffic Management fl-akwata, u għaldaqstant qablu li din il-proposta tiżdied mal-istess studju u kif isir dan l-eżerċizzju ikun jista' jitressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 4. Proġett Pilota-Batteriji

4.1. Is-Sindku qal li dan l-aħħar ġie avviċinat mill-Aġenzija tal-Enerġija u l-ilma sabiex isir proġett pilota fil-Kunsill Lokali Paola li permezz tiegħu jiġu installati pannelli solari ġodda li jkunu mqabbda ma' batteriji u bl-għajnuna ta' media differenti bħal filmati eċċ wieħed ikun jista' japprezza il-units ġġenerati mill-pannelli u dettalji oħra.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif jidher mill-korrispondenza annessa mal-minuti dan il-proġett ser jinkludi wkoll ħruġ ta' sejħa ta' valur ta' €20,000 għall-apparat kollu inkluż pannelli ġodda, liema sejħa ser tkun evalwata u ppreparata mill-istess Aġenzija. Il-proġett ser ikun ukoll ffinanzjat totalment mill-Aġenzija però l-offerta trid toħroġ mill-Kunsill Lokali. Il-membri approvaw dan.

5. **Ġnien Tony Bezzina**

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti tal-proġett ta' Ġnien Tony Bezzina kien għadu għaddej però kompla li grazzi għall-applikazzjoni li sargħet għall-fond għall-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Awtorità tal-Ippjanar l-istess Awtorità qed tapprova l-istess applikazzjoni u tirriserva l-ammont ta' €536,141.25 b'risq dan il-proġett.

5.2. Is-Sindku qal ukoll li wara li l-isem tal-ġnien kien diskuss u maqbul ukoll f'laqgħat preċedenti, issa li wasal li jibda l-proġett, trid ukoll issir l-applikazzjoni uffiċjali mal-Kummissjoni Elettorali sabiex l-spazju miftuħ f'Telgħet Raħal Ġdid jingħata l-isem Ġnien Tony Bezzina. Il-membri approvaw.

6. **Offerti**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kif kien approvat f'laqgħat preċedenti kienet inħarġet is-sejħa għas-soft areas, siġar u ġonna hekk kif il-Kunsill ġie infurmat mill-Kuntrattur preżenti li kienu ser itemmu l-operat tal-konsorzju.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li fil-ġranet li ġejjin kienet ser toħroġ ukoll is-sejħa għall-Van elettriku ffinanzjat mill-proġett tal-fondi Norveġiżi kif diskuss f'laqgħat preċedenti.

7. **Staff**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kif kien ikkonfermat fl-aħħar laqgħa, is-sejħa ta' skala 13 tal-Kunsill Lokali Paola, kienet ġiet sospiża mid-Dipartiment minħabba l-elezzjoni ġenerali. Huwa kompla li sadattant kienu intbagħtu xi persuni mill-skema tal-Community Workers li fosthom kien hemm persuna valida ħafna li tkun tista' taħdem fil-*customer care* u għaldaqstant il-membri qablu li s-sejħa sospiża tiġi imwaqqfa.

KUNSILL LOKALI PAOLA

**8. Laqgħa tal-lokalita**

8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi sal-15 ta' April trid issir il-laqgħa pubblika u għaldaqstant qablu li din issir l-Erbgħa 13 ta' April fl-4.00pm.

**9. Komunikazzjoni mis-Sindku**

**10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

10.1. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar il-possibilità li ssir *speed camera* fi Triq Hal Luqa fid-dawl tal-fatt li l-vetturi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva. Is-Sindku qal li trid issir talba lil Transport Malta u infatti semma li kienet tiġa sargħet it-talba għal Triq Għajn Dwieli però huwa kien infurmat li talbiet simili kienu sospiżi. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandom isiru talbiet mill-ġdid għal speed cameras fi Triq Għajn Dwieli, Triq Ħal Luqa u Triq Dom Mintoff.

10.2. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-proċess tal-master plan tal-pjazza. Is-Sindku qal li bħalissa qed isir ħafna xogħol mal-perit li qed jiffoka fuq il-proġetti infrastrutturali però tah il-kelma li ser jaħdem fuq il-master plan ukoll. Dwar il-pjazza il-membri qablu wkoll li għanda issir kommunikazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta dwar ix-xogħolijiet pendenti.

**11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 34 għas-somma ta' €162,095.32.

**12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fil-5:15pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 13 ta' April 2022.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' April 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |